**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 31 ta' Mejju, 2016**

Talba Numru: 904/2015JB

Kawza Numru: 1

**Perit Steven Ebejer (K.I.: 228887M)**
**li jezercita l-professjoni tieghu f'isem**
**"Cassar, Grech & Ebejer Partners"**

***vs***

**Vanja Torbarov (K.I.: 118015L)**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar is-26 ta' Novembru 2015, fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tliet mija u hamsa u erbghin euro (€345);

Ra li ghad li gie debitament notifikat bl-atti, il-Konvenut naqas milli jipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment;

Ra li ghad li l-kawza kienet appuntata ghas-seduta tal-lum, deher biss l-Attur li kkonferma bil-gurament il-pretensjoni tieghu;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi inoltre, l-Art. 13 tal-Kap. 380 jipprovdi espressament:

> Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita għas-smigħ tal-kawża, id-disposizzjonijet li ġejjin għandhom jgħoddu:

(b) jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista’ jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut u tista’ ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri għandhom jgħoddu *mutatis mutandis*.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, il-Konvenut ghad li kien notifikat bl-avvizi tat-talba u tas-smiegh naqas milli jipprezenta risposta kif ukoll naqas milli jidher ghas-seduta. Mill-banda ‘l ohra, l-Attur, li xehed bil-gurament, irnexxielu jipprova t-talba kif dedotta u dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn mghandux joqghod fuq il-provi li ghandu quddiemu. Fuq kollox, it-Tribunal iqis in-natura tal-proceduri quddiemu u l-ispeditezza li trid il-ligi;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa’ t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lill-Attur is-somma ta’ €345 bl-imghax legali skond il-ligi b’effett mid-data tan-notifika ta’ din il-kawza. L-ispejjez kollha tal-proceduri jkunu a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Mary Josette Musu’
*Deputat Reġistratur*